MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 248/2009

**Charles  Cutajar (ID499853M)**

**Vs**

**Kevin Sciberras (ID247873M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat minn Charles Cutajar fis-6 ta’ Lulju 2009 fejn hu talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lil Kevin Sciberras ihallas lilu s-somma ta’ tmint elef u mitejn ewro (€8,200) rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ dawl u ilma li ghamel l-attur fuq inkarigu tal-konvenut liema somma hija bilanc ta’ somma akbar, bl-ispejjes u l-konvenut ingunt in subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta ta’ Kevin Sciberras ta’ l-20 t’Ottubru, 2009 fejn huwa eccepixxi l-ewwel u qabel kollox li kien diga hallas lill-attur tax-xoghlijiet kollha li huwa ghamel.

Eccepixxa wkoll li hu ghalkemm talab diversi drabi rendikont tax-xoghlijiet, l-attur qatt ma pprezenta tali rendikont.

Huwa stqarr ukoll illi wara li tlestew ix-xoghlijiet l-attur qabad u talab lill-konvenut is-somma ulterjuri ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200) minghajr gustifikazzjoni ghal xhiex kien dak l-ammont u dejjem minghajr rendikont tax-xoghlijiet.

Illi ghalkemm l-istess konvenut talab diversi drabi lill-attur imsemmi rendikont, l-attur qatt ma baghathom, izda baghat ittra tramite l-konsulent legali tieghu sabiex jitlob is-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200).

Illi fl-ittra responsiva tieghu il-konvenut offra li la darba l-attur jipprezenta rendikont ta' xhiex kienu jikkonsistu l-pretenzjonijiet tieghu u dejjem jekk dawn l-ispejjes jirrispekkjaw dak li kienu ftehmu fuqu hu kien lest li jhallas xi bilanc, dejjem jekk kien bilanc dovut ghax fil-fehma tal-konvenut xejn mhu dovut u certament mhux is-somma ta tmien t'elef u mitejn ewro (€8,200).

Illi, jkompli jghid il-konvenut, l-attur xorta baqa' m'ghamilx rendikont u fetah il-kawza odjerna minghajr m'ghamel rendikont ta' xhiex qed jitlob l-ispejjes li qed jallega li huma dovuti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Novembru 2009 ta' Charles Cutajar illi qal illi huwa electrician u plumber u li kien gie inkarigat minn Kevin Sciberras biex jaghmillu xi xoghlijiet gewwa post ta'l-istess konvenut, fi Triq il-Karmnu, Gudja. Cutajar stqarr li l-ewwel Sciberras kien talbu jaghmel stima u wara li accetta dawn l-istimi beda jaghmel ix-xoghlijiet gewwa din id-dar li kienet dar antika.

Meta lesta l-ewwel sular, jghid Cutajar, ossia l-groundfloor, huwa ta l-kont lill-Sciberras u wara ftit zmien l-istess Sciberras kien talbu sabiex jaghmillu karta ghall-

pagament ta’ hames mitt lira Maltin (LM500). Sussegwentement, izda wara li nqaleb minn Liri Maltin ghall-Ewro, il-konvenut ghadda pagament ta’ disa’ mija u wiehed u tletin ewro (€931) anqas minn hames mitt Lira Maltin.

Il-partijiet kienu ftehmu mbaghad illi l-attur jibqa’ jahdem u l-konvenut ihallsu perjodikament. L-attur kien jitolbu ghall-hlas u filwaqt illi l-konvenut kien itawwal ftit fil-hlas, il-konvenut eventwalment kien jaghmel il-hlasijiet. Ix-xoghol baqa’ ghaddej u l-konvenut kien lesta it-tieni sular, ossia l-ewwel sular tal-post u ghalhekk ipprepara l-kont u tah lill-konvenut. Nel frattemp, izda, pagamenti baqghu ma gewx.

Sussegwentement, l-attur waqaf milli jaghmel ix-xoghlijiet sakemm isiru l-pagamenti u stenna illi jsiru l-pagamenti qabel ma eventwalment jkompli bix-xoghol.

Sussegwentement ftit wara li kienu ilu wieqaf mix-xoghol, il-konvenut talab lill-attur sabiex jitlaq il-barra mill-fond u dan wara li l-istess attur kien qallu li jekk mhux ser ihallsu l-ammont dovuti mhux ser ikompli bix-xoghlijiet. Il-konvenut qallu biex ilestilu l-kontijiet u meta ghamillu l-kontijiet lill-istess konvenut beda gej, kif jghid l-attur, bl-iskuzi dwar fejn saru l-plugs u fejn saru l-points u affarijiet ohra fuq ix-xoghol li sar.

L-istess attur, ikkonferma li l-konvenut kien ghamel diversi pagamenti, di fatti kien ghamel skont l-attur stess erba’ pagamenti, ossia wiehed ta’ disa’ mija u wiehed u tletin ewro (€931) fl-10 ta’ Jannar, 2008, wiehed ta’ disa’ mitt ewro (€900) fit-8 ta Mejju 2008, wiehed ta’ elfejn ewro (€2,000) fit-8 ta’ Ottubru, 2008 u wiehed ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) fil-5 ta’ Frar, 2009, ossia t-total ta’ hamest elef, tlett mija u wiehed u tletin ewro (€5331).

L-attur stqarr ukoll illi l-konvenut kien ghaddhielu pagament ta’ elfejn ewro (€2,000) permezz ta’ cekk iehor bankarju tal-HSBC, izda hu ma kellhux rekord illi tali cekk kien attwalment issarraf. Madanakollu fix-xhieda tieghu huwa jistqarr illi jekk l-intimat jipprova li c-cekk ta’ elfejn

ewro inghatalu u ssarraf allura inaqqas l-ammont pretiz fil-procedura.

Dwar ix-xoghlijiet li ghamel l-istess attur fil-fond tal-konvenut, l-atturipprezenta tlett kontijiet manuskritti li jindikaw xoghlijiet li saru fil-groundfloor, xoghlijiet li saru fil-first floor u xoghlijiet ulterjuri illi saru sakemm eventwalment il-konvenut waqqfu mix-xoghol.

L-import ta' dawn it-tlett kontijiet kien, il-kont tal-groundfloor kien jammonta ghal sitt elef, tnejn u tmenin ewro (€6,082), il-kont tal-first floor kien jammonta ghal erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin ewro (€4,125), filwaqt li l-ahhar kont kien jammonta ghal elf, mitejn sitta u disghin ewro (€1,296), b'total ta' hdax-il elf, hames mija u tlett ewro (€11,503), li flimkien maghhom irid jinghadd il-VAT fl-ammont ta' elfejn u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€2,070.54), jigifieri it-total ta' xoghol maghmul mill-attur kien ta' tlettax-il elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro (€13,573).

Skont id-dokument esebit mill-istess attur, mill-kont ta' tlettax-il elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro (13,573), il-konvenut kien hallsu hamest elef, tlett mija u wiehed u tletin ewro (€5,331) li jhalli bilanc ta' tmien t'elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€8,242).

Madanakollu, l-istess attur jghid ukoll illi la darba jigi kkonfermat li l-valur ta' elfejn ewro ta' dak ic-cekk li hu ma jafx jekk issarrafx jew le jigi kkonfermat allura l-ammont jitnaqqas ghal sitt elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€6,242).

Fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2010 xehed il-konvenut Kevin Sciberras illi stqarr illi huwa kien inkariga lill-attur jaghmel ix-xoghlijiet fil-fond fejn hu jghix illum, jigifieri 12, Santa Katherina, Gudja u madanakollu jikkontendi li x-xoghlijiet kollha li qabbad lill-attur jaghmel ma sarux.

Huwa stqarr illi mill-kontijiet illi ghaddhielu l-attur, li huma l-kontijiet li gja ghamlet riferenza ghalihom il-Qorti, meta huwa rahhom huwa tgerfex u allura kien talab rendikont

dettaljat peress illi kienu jidhru mgerfxin u konfuzi. Tant hu hekk illi skont l-istess konvenut kien hemm kontijiet doppji. Il-konvenut da parti tieghu ikkonferma illi hu ghamel hames pagamenti u mhux erbgha kif stqarr l-attur.

Fit-18 ta’ Mejju 2010 xehed Kurt Cutajar, iben l-attur Charles Cutajar li kkonferma illi huwa kien qed jahdem fil-fond flimkien ma’ missieru u li l-konvenut dam ikaxkar hafna biex ihallas u in fatti huma bhala rizultat ma kienux imorru jaghmlu x-xoghol.

Fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2010 rega’ xehed il-konvenut Kevin Sciberras fejn rega’ kkonferma li ghalih ix-xoghol li nkariga lill-attur ma kienx finalizzat u dam ghaddej tlett snin ghax l-istess attur kien jigi ftit ghax-xoghol u mbaghad imur jaghmel x’imkien iehor.

Huwa stqarr li kien ihallas regolarment lill-attur kif del resto jirrizulta mic-cekkijiet li huwa kien ghamel fl-10 ta’ Jannar, 2008, 8 ta’ Mejju, 2008, 8 t’Ottubru, 2008 u 5 ta’ Frar, 2009.

Il-konvenut imbaghad ilmenta li x-xoghol li ghamel l-attur ma kienx dak illi kellu jsir u apparti minn hekk ilmenta wkoll illi l-kontijiet kienu ferm esagerati ghax-xoghol illi huwa ghamel.

L-istess konvenut ipprezenta wkoll indikazzjoni tax-xoghol li skont hu sar, l-indikazzjoni ta’ kemm kellu jkun il-kont kif ukoll ta’ xoghlijiet ta’ plumbing illi skont hu ghal darb’ohra sar u li skont hu kienu lkoll ferm ghola minn normal u allura kien ta l-istima ta’ x’jahseb hu li kellu jhallas.

Fis-seduta tas-16 ta’ Frar, 2011, Charles Cutajar rega’ xehed fejn ikkonferma ghal darb’ohra illi ghar-rigward tal-pagament ta’ elfejn ewro li hu jistqarr illi ma nizzilx u ma jafx dwaru, huwa stqarr illi l-konvenut kellu jgiblu kopja ta’ dan ic-cekk sabiex eventwalment ikun jista’ jivverifikah l-isttess attur izda l-konvenut qatt ma gablu kont ta’ tali cekk. Finalment l-attur ikkonferma wkoll illi qatt ma hareg ricevuta fiskali ghax-xoghlijiet kollha li huwa kien ghamel sa dakinhar u li taghhom kien thallas.

Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju 2011, il-konvenutipprezenta kopja ta’ hames cekkijiet mahruga lkoll f’isem Charles Cutajar u li jirrizulta li huma kollha msarrfin, l-ewwel cekk numru 224 mahrug fl-10 ta’ Jannar 2008 fl-ammont ta’ disa’ mija u wiehed u tletin ewro (€931) jidher li gie msarraf fl-24 ta’ Jannar, 2008. It-tieni cekk numru 106 mahrug fit-8 ta’ Mejju, 2008 huwa fl-ammont ta’ disa’ mitt ewro (€900) u jidher illi ssarraf fis-16 ta’ Mejju, 2008. It-tielet cekk datat 30 ta’ Settembru, 2008 cekk numru 125 huwa mahrug dejjem f’isem ta’ Charles Cutajar u jidher li fl-10 ta’ Gunju, 2008 gie placed to the credit. Cekk iehor datat 16 ta’ Novembru 2008 fl-ammont ta’ elfejn ewro (€2,000) cekk numru 149 ghal darb’ohra gie indikat bhala msarraf, placed to the credit fis-17 ta’ Novembru, 2008 u finalment cekk fl-ammont ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) datat 5 ta’ Frar, 2009, cekk numru 179 jidher illi ssarraf fis-6 ta’ Frar, 2009.

Wara l-prezentata ta’ dawn id-dokumenti l-partijiet qablu illi l-kaz jista’ jigi deciz fuq il-provi li hemm.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Jirrizulta mill-provi prezentati illi l-konvenut kien qabbad lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xoghlijiet fuq il-fond tieghu ossia 12, Santa Catherina, Gudja.

Jirrizulta wkoll li l-attur kien ghadda stima ta’ xoghlijiet, liema stima l-Qorti qed tindika li hija dokument CC1 a fol 14 tal-process datata 15 t’Ottubru, 2008, liema stima hija aktar mill-istima indikazzjoni tar-rati illi l-istess attur kien ser juza biex jikkalkola x-xoghlijiet illi huwa kien ser jaghmel.

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-attur kien hareg tlett kontijiet lill-istess konvenut, liema kontijiet jiddataw 9 ta’ Settembru 2008, 18 ta’ Jannar, 2009, 2 ta’ Mejju, 2009.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi ghalkemm mhijiex skuza tal-konvenut illi ma jaghmilx il-hlasijiet in vista tal-fatt illi l-kontijiet huma konfusi u mgerfxin. Tali konkluzjoni ma

tistax ma titqiesx ukoll mill-Qorti peress illi harsa lejn il-konteggji juri illi l-mod legger u xejn professjonali kif gew redatti tali kontijiet certament ma kienx wiehed felici u certament ma kienx wiehed illi jwassal biex lill-konvenut ikun jaf bic-cert dwar x'kien jew mhux qed isir ix-xoghlijiet.

Jirrizulta wkoll li l-istess attur ma kienx a korrent ta' pagament ta' elfejn ewro illi sarlu fis-16 ta' Novembru, 2008.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi ghalkemm zewg cekkijiet ta elfejn ewro inhargu mill-konvenut lill-attur fit-30 ta' Settembru 2008 u fis-16 ta' Novembru 2008, min-naha l-ohra l-unika pagament li qed jindika l-attur illi sar ta' elfejn ewro fit-8 t'Ottubru 2008 liema data ma tirrispekkja fl-ebda miz-zewg pagamenti illi saru min-naha tal-konvenut. Dan certament ma jirriflettix sew dwar il-kontabilita tal-attur u l-mod kif kien qed jirredigi l-kontijiet tieghu. Allura l-Qorti tista' tifhem ir-reticjenza tal-konvenut milli jaghmel xi pagamenti qabel ma jifhem il-kontijiet.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut fejn huwa jghid fl-eccezzjoni tieghu illi huwa hallas ghal kollox peress illi jirrizulta car mill-fatti kollha u anke mid-dokumentazzjoni imressqa mill-istess konvenut stess illi huwa ma hallas ghall-ammont kollha.

Dato non concesso illi issa gie stabbilit illi l-pagament ta' elfejn ewro da parti tal-konvenut attwalment sar u allura la darba l-attur kien qabel anke fix-xhieda tieghu illi huwa jnaqqas l-ammont pretiz b'elfejn ewro, il-Qorti allura tikkonsidra illi l-ammont issa mertu tal-kaz odjern ghandu jkun ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) u mhux ta' tmien t'elef u mitejn ewro (€8,200) kif inizjalment indikat fl-avviz.

Il-Qorti imbaghad taghmel riferenza wkoll ghad-dokumentazzjoni u kalkoli redatti mill-istess konvenut liema konvenut jistqarr a differenza ta' dak li qal fl-eccezzjonijiet tieghu attwalment jikkontendi li huwa jrid ihallas biss hames mija u sebgha u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€537.35). Ghal dan huwa jipprovdi dokumentazzjoni fejn jaghti l-istimi tieghu dwar kemm

kellu jsir ix-xoghol u jnaqqas unilateralment il-kontijiet rezi mill-istess attur.

Il-Qorti ghalkemm tifhem illi l-konvenut kien qed jipprova jaghmel ezercizzju sabiex jillimita d-danni tieghu, certament thoss li l-istess konvenut mhuwiex il-persuna idonea u lanqas kompetenti sabiex tindika x’saru xoghlijiet u x’ma sarux xoghlijiet u fejn kellhom jitnaqqsu l-ammonti ta’ flus.  Din hija ta’ kompetenza ta’ perit u certament il-Qorti ma tistax tqis il-konkluzjonijiet li fuqha tista’ tistrieh hi.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax li fl-eccezzjonijiet tal-istess konvenut l-uniku eccezzjoni bazilari hija li huwa ma jridx ihallas assolutament xejn peress illi talbu diversi rendikontijiet u tali rendikontijiet qatt ma nghatawlu.  Qatt ma ntalbet min-naha tal-konvenut li l-ammont dovut jigi ridott minhabba jew xoghlijiet li mhumiex skont is-sengha u l-arti jew minhabba dewmien u allura l-Qorti ma tista’ bl-ebda mod tnaqqas l-ammonti dovuti ghal tali tip ta’ ragunijiet.

Tenut kont ta’ dawn il-fatti kollha il-Qorti ma tistax ma tistriehx fuq id-dokumentazzjoni ghalkemm maghmula kemm xejn bil-legger tal-attur u ghal provi tal-pagamenti illi kien ghamel il-konvenut b’mod illi jirrizulta allura li l-attur ghamel xoghlijiet fl-ammont ta’ tlettax-il elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro (€13,573) u dan inkluz il-VAT filwaqt illi l-konvenut hallas l-ammont ta’ sebat elef, tlett mija u wiehed u tletin ewro (€7,331) u dana permezz ta’ pagamenti kif fuq gja indikati.  Allura jidher car li l-ammont attwalment dovut huwa dak ta’ sitt elef mitejn u tnejn u erbghin ewro (€6,242) u mhux dak ta’ tmien t’elef mitejn u tnejn u erbghin ewro (€8,242) kif indikat mill-istess attur originalment.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha, wara li fliet id-dokumentazzjoni fir-reqqa tiddeciedi illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt elef, mitejn u tnejn u

erbghin ewro (€6,242) u filwaqt illi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€6,242) u tordna lill-istess konvenut ihallas l-ammont ta' sitt elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€6,242) bhala bilanc tax-xoghlijiet maghmula fil-fond tieghu 12, Santa Catherina, Gudja fuq istruzzjonijiet tieghu mill-attur a beneficcju tal-konvenut.

Tordna wkoll lill-attur illi johrog ricevuta fiskali ghall-ammont gja lilu mhallas mill-konvenut filwaqt illi johrog ukoll ricevuta fiskali ghall-bilanc li ser jithallas lilu mill-konvenut u li huwa mertu tal-kaz odjern u deciz minn din il-Qorti la darba il-hlas isir mill-konvenut.

In vista dwar l-ispejjes, in vista tal-fatti li jirrizultaw lill-Qorti, kulhadd ghandu jbaghati l-ispejjes tieghu u l-imghax fuq is-sorte jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------